VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,882, 11 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 277 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) L-ordinament 3 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

(2) L-ordinament 4 għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (j) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(j) **Podiatry**: għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija, għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika; u"

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. Il-Bord tad-Dħul, li jagixxi fuq il-parir tal-Bord tal-Istudji kkonċernat, jista' jaċċetta applikanti fit-tieni jew fit-tielet sena tal-Kors bl-istess qasam ta' studju bħal dak studjat fil-Higher Diploma jew fid-Diploma tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(1) tar-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, jekk ikollhom dawn li ġejjin:

"(a) il-Higher Diploma in Health Science jew id-Diploma in Health Science mogħtija mill-Università ta' Malta; jew

(b) kwalifika professjonali meqjusa mis-Senat li hija komparabbli għall-kwalifiki indikati fil-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament."